**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2001**
Educational Assessment Unit - Education Division

| **FORM 2** | **STORJA TA' MALTA** | **Ħin: Siegħa u Nofs** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: _______________

A. Irrispondi dawn li ġejjin billi tagħmel is-sing taħt ir-risposti t-tajba.

1. Fis-seklu XI (ħdax) meta kienu qegħdin jaħkmu fuq il-Gżejjer Maltin (L-Għarab – Ir-Rumani – L-Biżantini) ġie Malta (Ruġġieru II – Il-Konti Ruġġieru – Manfredi) 2 marki

2. Fiż-żminijiet tan-nofs in-nies kienu jibżgħu joqogħdu viċin (il-kosta – l-għoljiet – l-irdum) minnħabba l-attakki tal (Vandali –Biżantini – Pirati) 2 marki

3. L-Anġuvini kienu (mill-Ġermanja, mill-Ungerija, minn Franza) filwaqt li l-Aragoniżi kienu (Taljani – Belġjani – Spanjoli) 2 marki

4. Il-ħaġra ta' Majmuna tfakkar tfajla (Nisranija – Islamika – Lhudija) u hija prova li l-Għarab (ma tkeċċewx minn Malta – tkeċċew minn Malta) 2 marki

5. ŻEWĠ Repubbliki fil-Mediterran kienu dawk ta' (Ċipru – Venezja – Majorka – Pisa) 2 marki

(5x1=10 marki)

B. Ħamsa minn dawn li ġejjin kienu uffiċċjali ta' l-Universita fiż-żminijiet tan-nofs. Agħmel sing taħthom.

Emir - Katapan - Portulan - Assiżi - Rajjes.

Kavallier - Segreto - Kredenzier - Kastellan - Kommendatur

(5x1=5 marki)

C. Qabbel dawn li ġejjin billi tpoġġi n-numru addattat fil-kaxxi li hemm ħdejn it-tieni kolonna. L-ewwel numru qiegħed jingħata bħala eżempju.

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | Ruġġieru II | L-Ewwel Gran Mastru f'Malta | |
| 2. | L-ISLE ADAM | L-Armata Maltija | |
| 3. | La Valette | Kavallieri ta' San Gwann | |
| 4. | Barbarossa | Prodott tar-Raba Maltija | |
| 5. | Gonsalvo Monroy | Sultan ta' Sqallija u Malti | 1 |
| 6. | Karlu V | Gran Mastru fi żmien l-Assedju | |
| 7. | Menorah | Ammiral tal-Flotta Torka | |
| 8. | Salib bi tmien ponot | Sinjur Fewdatarju | |
| 9. | Kemmun | il-Lhud | |
| 10. | Segreto | Iqassam l-Artijiet Irjali | |
| 11. | Dejma | Sultan ta' Spanja u Sqallija | |

(10x1=10 marki)

D.



1. F'din l-istampa naraw xena li seħħet fil-port il-kbir f'Gunju 1283. Għid x'qed tara f'din l-istampa.

___________________________________________

___________________________________________

(2 marki)

2. Ta' min huma l-iġfna li qegħdin naraw f'din l-istampa?

_______________________________________ (1)

_______________________________________ (1)

3. Għid kif spiċċa l-episodju li qiegħed tara f'din l-istampa?

___________________________________________________________________

________________________________________________________________ (2)

(6 marki)

E.



1. Il-peramida li qegħda tidher f'din l-istampa tirrappreżenta sistema.
Għid liema kienet din is-sistema?

_______________________________________ (2)

2. X'tirrappreżenta l-kuruna li hemm fl-istampa

_______________________________________ (1)

u agħti l-ismijiet ta' tnejn minnhom fl-istorja ta' Malta fiż-żminijiet tan-nofs?

__________________________ (1) __________________________ (1)

3. X'jirrappreżentaw il-kastelli li jidhru f'din l-istampa? ______________________ (1)

u semmi wieħed minnhom fl-istorja ta' Malta? ______________________ (2)

Dawn in-nies kellhom jeddijiet kbar. Semmi tnejn minnhom.

___________________________________ (2)

___________________________________ (2)

4.(1) Min huma n-nies li qegħdin jaħdmu fl-istampa?

_______________________________________________________ (2 marki)

(2) u semmi tnejn mill-irbit jew doveri li kellhom?

_______________________________________________________ (2 marki)

_______________________________________________________ (2 marki)

5. Għid jekk il-Maltin kienux ikunu kuntenti meta kienu jkunu taħt is-sistema li tidher f'din l-istampa? _______________________________________________ (Marka)

u kemm jekk ir-risposta tiegħek iva jew le, għati raġuni biex isaħħaħ ir-risposta tiegħek? _______________________________________________

_______________________________________________________ (2 marki)

(21 marka)




F. Ħares sewwa lejn il-mappa ta' Malta u wieġeb id-domandi kollha.

1A. Liema kienet il-belt Kapitali ta' Malta fiż-żminijiet tan-nofs? (1)

1B. Biex kienet imdawwra? (2)

1C. X'kien l-iskop tagħhom? (2)

2A. Viċin il-port il-kbir kien hemm fortizza kbira. X'kien jisimha _________________ (2)

B. X'kien jismu l-post li kien hemm viċin ta' din il-fortizza. (1)

3. X'kienet ir-raġuni għaliex ma kienx hemm nies jgħixu bejn il-Mosta u l-Mellieħa u madwar il-kosta?

(2)
(10 marki)

G. Fit-23 ta' Marzu 1530, ġewwa Kastelfranko, ħdejn Bologna, l-Imperatur Karlu V, iffirma l-għoti ta' Malta lill-kavallieri, flimkien mal-ħarsien tal-kastell u l-belt ta' Tripli. Il-kavallieri talbu u qalgħu li l-gżejjer Maltin u Tripli jkunu ħielsa minn Sqallija filwaqt li jibqgħu jieħdu l-qamħ bla ma jħallsu dazju.
In-nobbli Maltin u l-mexxejja għolja tal-kleru ma ħadux gost bil-miġja tal-kavallieri għax intebħu li dawn kienu ser jeħdulhom kull setgħa li sa dak iż-żmien kellhom f'idejhom.
Iżda n-nies, l-iżjed dawk tal-Birgu, mal-ħamest elef ruħ, flimkien ma' taħlita ġmielha ta' Spanjoli u Sqallin, ferħu bl-aħbar. Stennew kummerċ u riżq, ħarsien mill-furbani Misilmin, għajnuna lill-fqar, fejqan mill-mard u b'xi mod ħelsien mill-mexxejja għolja tagħhom li kollha kienu joqogħdu l-Imdina.

*Grajjiet Malta It-Tieni Ktieb pg. 155*

Aqra dan il-paragrafu sewwa u wieġeb id-domandi kollha.

1. X'kienet tfisser għall-Gżejjer Maltin id-data tat-23 ta' Marzu 1530?

_____________________________________________ (2 marki)

2. X'rabta kellu Karlu V mal-Gżejjer Maltin dak iż-żmien?

_______________________________________________ (2 marki)

3.(1) Liema gżira mportanti viċin ta' Malta tissemma f'dawn il-paragrafi? ___________ (1)

(2) Semmi żewġ ħakkiema li ħakmu kemm fuq Malta u din il-gżira?

___________________________ (1) ___________________________ (1)

(3) Liema prodotti konna nixtru minn din il-gżira fi kwantita kbira? _______________ (2)

u għid għaliex konna nagħmlu hekk? ___________________________________ (2)

4. Semmi waħda mill-problemi ewlenin ta' Malta f'dak iż-żmien? __________________

_______________________________________________________________ (2)

u spjega kif b'dak li kien se jiġri bl-għotja li saret fil-23 ta' Marzu 1530 kien se jgħin biex tiġi solvuta l-problema ________________________________________ (2)

5. Wara li taqra dawn il-paragrafi spjega x'kienu r-relazzjonijiet bejn in-nies tal-Birgu u tal-Imdina _____________________________________________ (1) u

agħti raġuni biex issaħħaħ ir-risposta tiegħek? ___________________________ (2)

(18-il marka)

H. Ikteb komponiment fuq waħda minn dawn li ġejjin

1. Il-Ħarsien tal-Gżejjer Maltin fiż-żminijiet tan-nofs.

2. Il-prodotti tar-raba Maltija.

3. It-tagħlim f'Malta.

4. Fiż-żminijiet Medjovali r-Repubblika ta' Genova, Pisa u; Venezja kienu; mportanti ħafna. Għaliex?

5. Għaliex taħseb li l-iskoperti l-kbar fetħu bibien ġodda għall-bniedem.

(20 marka)